# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-13 ta' Diċembru 2010

## dwar il-ħlas taż-żieda fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro

## *(BĊE/2010/27)*

(2011/21/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ'), u b'mod partikolari l-Artikolu 28.3 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/24 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-BĊE mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti [1] ddeterminat kif u sa liema grad il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro kellhom obbligu li jħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Jannar 2009.

(2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/26 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar iż-żieda tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [2] il-kapital tal-BĊE ġie miżjud b'EUR 5 000 miljun minn EUR 5 760 652 402,58 għal EUR 10 760 652 402,58 b'effett mid-29 ta' Diċembru 2010.

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [3] tistabbilixxi l-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-BĊE b'mod konformi mal-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ u tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2009 il-peżaturi mogħtija lil kull BĊN fl-iskema kapitali (iktar 'il quddiem il-'peżaturi tal-iskema kapitali').

(4) Skont l-Artikolu 28.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv, waqt li jaġixxi bil-maġġoranza kkwalifikata pprovduta fl-Artikolu 10.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, għandu l-kompetenza li jiddetermina l-grad sa fejn u l-forma li biha għandu jitħallas il-kapital.

(5) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 f'konformità mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-euro fl-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011 [4], l-Estonja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga mogħtija lilha taħt l-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [5] għandha tiġi abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

(6) B'mod konformi mad-Deċiżjoni BĊE/2010/34 tal-21 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet mill-Eesti Pank lejn ir-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew [6], l-Eesti Pank għandu l-obbligu li jħallas is-sehem li jifdal tas-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2011, waqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni ż-żieda fil-kapital tal-BĊE b'effett mid-29 ta' Diċembru 2010 u l-forma kif għandu jitħallas il-kapital.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

### Grad u forma ta' kapital sottoskritt u mħallas

1. Meta jitqiesu l-peżaturi tal-iskema kapitali stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2008/23 u ż-żieda fil-kapital tal-BĊE b'mod konformi mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2010/26, kull BĊN għandu jkollu kapital sottoskritt totali tal-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN | EUR |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 261 010 384,68 |
| Deutsche Bundesbank | 2 037 777 027,43 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 119 518 566,24 |
| Bank of Greece | 211 436 059,06 |
| Banco de España | 893 564 575,51 |
| Banque de France | 1 530 293 899,48 |
| Banca d'Italia | 1 344 715 688,14 |
| Central Bank of Cyprus | 14 731 333,14 |
| Banque centrale du Lussemburgu | 18 798 859,75 |

[1] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 69.
[2] Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU L 21, 24.1.2009, p. 66.
[4] ĠU L 196, 28.7.2010, p. 24.
[5] Att li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).
[6] Ara paġna 58 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

| BĊN | EUR |
|---|---|
| Bank Ċentrali ta' Malta | 6 800 732,32 |
| De Nederlandsche Bank | 429 156 339,12 |
| Oesterreichische Nationalbank | 208 939 587,70 |
| Banco de Portugal | 188 354 459,65 |
| Banka Slovenije | 35 381 025,10 |
| Národná banka Slovenska | 74 614 363,76 |
| Suomen Pankki | 134 927 820,48 |

2. Kull BĊN għandu jħallas l-ammont addizzjonali muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN | EUR |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 121 280 000 |
| Deutsche Bundesbank | 946 865 000 |
| Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland | 55 535 000 |
| Bank of Greece | 98 245 000 |
| Banco de España | 415 200 000 |
| Banque de France | 711 060 000 |
| Banca d'Italia | 624 830 000 |
| Central Bank of Cyprus | 6 845 000 |
| Banque centrale du Lussemburgu | 8 735 000 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 3 160 000 |
| De Nederlandsche Bank | 199 410 000 |
| Oesterreichische Nationalbank | 97 085 000 |
| Banco de Portugal | 87 520 000 |
| Banka Slovenije | 16 440 000 |
| Národná banka Slovenska | 34 670 000 |
| Suomen Pankki | 62 695 000 |

3. Il-BĊNi għandhom iħallsu lill-BĊE l-ammonti speċifikati fil-paragrafu 2 permezz ta' trasferiment separat bis-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* (TARGET2).

4. Kull BĊN għandu jħallas is-sehem kapitali miżjud tiegħu fi tliet pagamenti annwali ugwali. L-ewwel pagament għandu jsir fid-29 ta' Diċembru 2010, u l-pagamenti ta' wara għandhom jitħallsu jumejn tan-negozju qabel l-aħħar jum operattiv ta' TARGET2 għas-sentejn ta' wara.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2010.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Diċembru 2010.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET